

MT

MT

Error! Unknown document property name. MT



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, XXX

Abbozz

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru .../2009

ta' [...]

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1702/2003 li jistabilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom

(test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Abbozz

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru .../...

ta'

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1702/2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom

(test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(5) tagħha,

Billi:

- (1) Sabiex jinżamm livell uniformi għoli tas-sigurtà tal-avjazzjoni fl-Ewropa, jeħtieġ li jiġu introdotti tibdiliet għar-rekwiżiti u għall-proċeduri għaċ-ċertifikazzjoni ta' ajruplani u prodotti, partijiet u apparati relatati u ta' organizzazzjonijiet tad-disinn u tal-produzzjoni, b'mod partikolari biex tiġi restawrata l-konsistenza fid-dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment tal-bażi taċ-ċertifikazzjoni għal ċertifikati tat-tip u tibdiliet għaċ-ċertifikati tat-tip permezz tal-introduzzjoni tal-possibbiltà li wieħed jagħżel li jikkonforma ma' standards li joħorġu aktar tard kif ukoll għal tibdiliet.
- (2) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1702/2003 għandu jiġi emendat kif jixraq.
- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-Opinjoni² maħruġa mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (minn hawn iżjed 'il quddiem 'l-Aġenzija') skont l-Artikoli 17(2)(b) u 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1702/2003 għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-Anness (Parti-21) huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

¹ ĠU L 79, tad-19.03.2008, pġ.1

² Opinjoni 01/2009 dwar il-“Possibbiltà li ssir devjazzjoni mill-kodiċi dwar il-kundizzjoni tajba għat-tajran fil-każ ta' tibdiliet fid-disinn”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni

ANNEX

1. L-Anness (Parti-21) għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003 għandu jiġi emendat kif ġej:
 - (1) fil-punt 21A.17, il-punt (a) huwa mibdul b'li ġej:
 - (a) Il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip li għandha tiġi nnotifikata għall-ħruġ ta' ċertifikat tat-tip jew ċertifikat tat-tip ristrett għandha tkun magħmula minn:
 1. Il-kodiċi applikabbli ta' kundizzjoni tajba għat-tajran stabbilit mill-Aġenzija li jkun effettiv fid-data tal-applikazzjoni għal dak iċ-ċertifikat sakemm:
 - (i) Ma jkunx speċifikat mod ieħor mill-Aġenzija; jew
 - (ii) Tintgħażel il-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni ta' emendi effettivi aktar tard mill-applikant jew meħtieġa skont il-paragrafi (ċ) u (d).
 2. Kwalunkwe kundizzjoni speċjali preskritta skont 21A.16B(a).
 - (2) fil-punt 21A.17, il-punt (a) huwa mibdul b'li ġej:
 - (d) Jekk applikant jagħżel li jikkonforma ma' speċifikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni ta' emenda għall-kodiċijiet dwar kundizzjoni tajba għat-tajran li hija effettiva wara l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip, l-applikant għandu jkun konformi wkoll ma' kwalunkwe speċifikazzjoni ta' ċertifikazzjoni oħra li l-Aġenzija ssib li tkun relatata direttament.
 - (3) fil-punt 21A0.101, il-punt (a) huwa mibdul b'li ġej:
 - (a) Applikant għal bidla għal ċertifikat tat-tip għandu juri li l-prodott mibdul jikkonforma mal-kodiċi ta' kundizzjoni tajba għat-tajran li huwa applikabbli għall-prodott mibdul u li jkun fis-seħħ fid-data tal-applikazzjoni għall-bidla, sakemm l-applikant ma jagħżilx il-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni ta' emendi effettivi aktar tard jew sakemm dawn ma jkunux meħtieġa skont il-paragrafi (e) u (f), u mar-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali applikabbli stabbiliti fi 21A.18.
 - (4) fil-punt 21A0.101, il-punt ġdid (f) huwa miżjud b'li ġej:
 - (f) Jekk applikant jagħżel li jikkonforma ma' speċifikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni ta' emenda għall-kodiċijiet dwar kundizzjoni tajba għat-tajran li tkun effettiva wara l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal bidla tat-tip, l-applikant għandu jkun konformi wkoll ma' kwalunkwe speċifikazzjoni ta' ċertifikazzjoni oħra li l-Aġenzija ssib li tkun relatata direttament.